**22 Frar 2007**

**Diskors tal-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern waqt il-*Passing Out Parade* ta' kuntistabbli ġodda.**

Huwa ta' sodisfazzjon għalija li nerġa nindirizza grupp ieħor ta' żghazagħ li għazlu li jidħlu jiffurmaw parti mill-familja tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta.

Dak li attendejtu intom kien is-27 kors li organizzat mill-Akkademja tal-Pulziija minn mindu twaqqfet fl-1988. L-Akkademja għandha l-għan li mhux biss tħarreg rekluti ġodda iżda li tkompli tagħti taħrig lil min hu diġa fil-Korp. Dan biex il-membri tal-Korp tal-Pulizija jibqgħu dejjem aġġornati u mħarrġa dejjem aħjar fil-ġlieda tagħhom kontra l-kriminalita f'pajjiżna.

Perswaz li minn dan il-kors tgħallimtu ħafna u issa tinsabu ippreparati għal dak li ser tiltaqgħu miegħu fit-twettieq ta' dmirijitkom. Taħsbux li tħallimtu kollox. Naf li smajtu dwar liġijiet u regolamenti. Biss tridu tikbru bl-esperjenza.

Minn mindu ħadtu l-ġurament bħala uffiċjali tal-pulizija intom għandkom poter ikbar mill-President ta' Malta, ikbar mill-Prim Ministru u iktar minni bħala l-Ministru responsabbli mill-pulizija. Intom ser tkunu tistgħu tarrestaw persuni. Dan il-poter għandkom tużawh b'reqqa kbira u b'responsabbilta ikbar. Intom ghandkom id-dmir li tħarsu liċ-ċittadin. Intom tridu tiddefendu lill-pubbliku mill-kriminali. Barra poteri għandkom ukoll dmirijiet. Intom għandkom id-dover li tapplikaw il-liġi mingħajr biża u mingħajr favuri, kif ħliftu fil-ġurament li għadkom kif ħadtu. Għandkom twettqu il-missjoni tagħkom b'serjeta mingħajr ma tħarsu lejn wiċċ ħadd.

Sallum kull stħarriġ pubbliku li sar wera li l-maġġoranza kbira tal-pubbliku Malti għandu fiduċja fil-pulizija. Dan il-fatt għandkom iżżommuh f'moħħkom u tistinkaw biex din il-fiduċja mhux biss tinżamm iżda tikber. Il-Gvern ma qadx lura biex isaħħah idejn il-

pulizija fil-ġlieda tagħha biex tipproteġi lic-cittadin u tiggieled il-kriminalita. Minbarra investiment qawwi f'vetturi, bini u apparat li jgħinu fil-qadi tad-dmirijiet tal-pulizija, il-Gvern, permezz ta' emendi fil-Kodiċi Kriminali saħħah idejn il-Pulizija fil-ġlieda kontra l-kriminali. Riżultat ta' dan diġa kellna. Is-sena li għaddiet il-kriminalita naqset u intom fid-dmir li din, fejn hu possibli, tkompli tonqos.

Il-karriera li ser tibdew illum mhux xi waħda faċli, anzi. Ser tħabbtu wiċċkom ma' ħafna problemi. Illum il-kriminalita moderna, mgħejjuna minn teknoloġiji ġodda, titlob rispons sod minn naħa tal-Forzi ta' l-Ordni, l-iktar li illum qed inħabbtu wiċċna ma' tip ta' kriminalita internazzjonali li titlob koperazzjoni bejn pajjizi biex inkunu lesti għall-isfidi li ma jonqsu qatt.

Biss il-karriera ta' pulizija fiha ukoll ħafna sodisfazzjon. Sodisfazzjon li intom ser tkunu it-tarka tac-cittadin biex tiżguraw li aħna lkoll inkunu nistghu ngħixu f'komunita iktar sigura fejn iċ-ċittadini, anzjani, adulti, żgħażagh u tfal ikunu jistgħu jgħixu b'iktar serħan tal-moħħ.

Nawguralkom minn qalbi.